ISSN 1977-074X

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 329

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

13 ta' Diċembru 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1292/2011 tad-9 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 718/2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA)** 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1293/2011 tad-9 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-ħut industrijali fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea** 3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1294/2011 tat-12 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 5

DEĊIŻJONIJIET

2011/827/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda** 7

2011/828/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2011 li taħtar sitt membri Olandiżi u sitt membri supplenti Olandiżi fil-Kumitat tar-Reġjuni** 9

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

Prezz: EUR 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2011/829/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2006/771/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju għall-użu ma' tagħmir għal meded qosra** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 9030)* (1) 10

2011/830/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar il-pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-Arranġament ta' Inċentiv Speċjali għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Governanza Tajba mill-1 ta' Jannar 2012, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 9044)*....................................... 19

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1292/2011

tad-9 ta' Diċembru 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 718/2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) [1] ("ir-Regolament IPA") u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) [2] jipprovdi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament IPA.

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 718/2007 dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż operattivi għandhom jiġu allinjati mal-ftehimiet ta' qafas li ġew konklużi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

(3) Fid-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-komponent transkonfinali, il-klawżola ta' deroga għan-nefqa eliġibbli rigward l-ispejjeż operattivi għandha tiġi allinjata ma' dik tal-assistenza ta' tranżizzjoni u l-komponent tal-bini tal-istituzzjonijiet.

(4) Fid-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-komponenti tal-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-iżvilupp rurali, l-Artikolu 160 u l-Artikolu 188 tar-Regolament (KE) Nru 718/2007 jistipulaw il-kundizzjonijiet għall-ħlas tal-prefinanzjmanet għall-komponenti tal-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-iżvilupp rurali. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli, il-prefinanzjament imħallas mill-Kummissjoni lill-pajjiżi li jibbenefikaw mill-komponenti tal-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-iżvilupp rurali għandu jiżdied u dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-pre-finanzjament għall-komponent tal-iżvilupp reġjonali.

(5) Id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-IPA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 718/2007 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 34(3), il-punt (e) jinbidel b'dan li ġej:

"(e) spejjeż operattivi, ħlief fejn ġie provdut mod ieħor fi ftehimiet ta' qafas ma' organizzazzjonijiet internazzjonali;"

2. Fl-Artikolu 89(3), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Spejjeż operattivi, inklużi spejjeż ta' kiri, relatati esklussivament mal-perjodu tal-kofinanzjament tal-ħidma, jistgħu jkunu kkunsidrati eliġibbli każ b'każ."

3. Fl-Artikolu 160, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Barra mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 42, pagamenti għall-pre-finanzjament għandhom jammontaw għal 30 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-tliet snin l-aktar riċenti tal-programm ikkonċernat, u għandhom isiru ladarba

[1] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.
[2] ĠU L 170, 29.6.2007, p. 1.

jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 42(1). Fejn meħtieġ, fir-rigward tad-disponibilità tal-impenn baġitarju, il-pre-finanzjament jista' jsir f'żewġ pagamenti."

4. Fl-Artikolu 160, il-paragrafu 4 għandu jitħassar.

5. Fl-Artikolu 188, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Għall-iskopijiet ta' dan il-komponent, il-pagamenti ta' pre-finanzjament jistgħu jammontaw għal 30 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-tliet snin l-aktar riċenti tal-programm ikkonċernat. Soġġett għad-disponibilità ta' approprjazzjonijiet baġitarji, il-pre-finanzjament jista' jitħallas f'żewġ kambjali jew iżjed."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1293/2011

tad-9 ta' Diċembru 2011

li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-ħut industrijali fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE [2], jistabbilixxi kwoti għall-2011.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri msemmija hemmhekk jew irreġistrati fihom, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd għall-2011 allokata lill-Istati Membri msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri msemmija hemmhekk jew irreġistrati fihom għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Lowri EVANS
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

ANNESS

Nru	81/T&Q
Stat Membru	L-Unjoni Ewropea – l-Istati Membri kollha
Stokk	I/F/04-N.
Speċi	Ħut industrijali
Żona	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV
Data	29.11.2011

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1294/2011

tat-12 ta' Diċembru 2011

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	59,7
	MA	61,1
	TN	80,5
	TR	99,6
	ZZ	75,2
0707 00 05	EG	170,1
	TR	163,9
	ZZ	167,0
0709 90 70	MA	40,8
	TR	146,0
	ZZ	93,4
0805 10 20	AR	38,9
	BR	41,5
	TR	51,8
	ZA	55,2
	ZZ	46,9
0805 20 10	MA	70,2
	ZZ	70,2
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	77,0
	TR	78,2
	ZZ	77,6
0805 50 10	TR	57,8
	ZZ	57,8
0808 10 80	CA	109,9
	CL	90,0
	CN	71,1
	US	118,2
	ZA	80,2
	ZZ	93,9
0808 20 50	CN	54,2
	ZZ	54,2

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Novembru 2011

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda

(2011/827/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Wara t-talba mill-Irlanda, il-Kunsill taħha assistenza finanzjarja (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE [2]) bħala appoġġ għall-programm qawwi ta' riforma ekonomika u finanzjarja bil-għan li tinkiseb il-fiduċja mill-ġdid, u b'hekk l-ekonomija tkun tista' tirritorna għal it-tkabbir sostenibbli, u tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fl-Irlanda, fiż-żona tal-euro u fl-Unjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 3(9) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), għamlet ir-raba' reviżjoni tal-progress tal-awtoritajiet Irlandiżi fl-implimentazzjoni tal-miżuri maqbula kif ukoll dwar l-effettività u l-impatt ekonomiku u soċjali ta' dawk il-miżuri.

(3) Ir-rekwiżit tal-Bank of Ireland tal-kapital li għad fadal pendenti naqas minn EUR 500 miljun għal EUR 350 miljun minħabba eżerċizzji oħrajn dwar il-ġestjoni tal-obbligazzjonijiet u qligħ mill-għeluq ta' kuntratti ta' lqugħ annessi mal-istrumenti tad-dejn subordinat.

(4) L-awtoritajiet Irlandiżi talbu biex imexxu sal-aħħar tat-tieni kwart tal-2012 id-data ta' skadenza biex jippreperaw il-leġiżlazzjoni għat-tisħiħ tal-qafas regolatorju għas-settur tal-unjins tal-kreditu, biex tippermetti konsultazzjoni fil-fond tal-partijiet involuti. Sadanittant, l-awtoritajiet se jindirizzaw il-punti dgħajfa fil-unjins tal-kreditu li għandhom l-akbar diffikultà filwaqt li jipproteġu depożiti sabiex jassiguraw stabbiltà finanzjarja.

(5) L-awtoritajiet Irlandiżi talbu biex id-data ta' skadenza timxi sal-aħħar tal-ewwel kwart tal-2012 sabiex jippreperaw il-leġiżlazzjoni maħsuba dwar ir-responsabbiltà fiskali li se ddaħħal fis-seħħ it-titjib reċenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex tippermetti diskussjoni fil-fond mal-partijiet involuti.

(6) Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u kunsiderazzjonijiet, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE għandha tiġi emendata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 7, il-punt (g) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(g) ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek domestiċi sal-aħħar ta' Lulju 2011 (suġġetta għall-aġġustament xieraq għal eżerċizzji mistennija dwar il-ġestjoni tal-bejgħ u l-obbligazzjonijiet tal-assi fil-każijiet tal-Irish Life & Permanent u l-Bank of Ireland) f'konformità mas-sejbiet tal-2011 tal-Analiżi Prudenzjali tal-Valutazzjoni tal-Likwidità (PLAR) u tal-Analiżi Prudenzjali tal-Valutazzjoni tal-Kapital (PCAR), kif imħabbar mill-Bank Ċentrali tal-Irlanda fil-31 ta' Marzu 2011. Sabiex il-piż ikompli jinqasam aktar, il-pass finali ta' EUR 0,35 biljun fir-rikapitalizzazzjoni tal-Bank of Ireland għandu jitlesta sa tmiem l-2011 u kwalunkwe rikapitalizzazzjoni ulterjuri tal-Irish Life & Permanent għandha titlesta wara l-bejgħ tas-settur tal-assigurazzjoni.";

(2) fil-paragrafu 7, il-punti (e) u (p) għandhom jitħassru;

[1] ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.
[2] ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34.

(3) fil-paragrafu 8, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(d) is-sottomissjoni ta' leġiżlazzjoni lill-*Oireachtas* biex jassistu lill-unjins tal-kreditu b'qafas regolatorju msaħħaħ inkluża amministrazzjoni aktar effettiva u rekwiżiti regolatorji.

(e) l-adozzjoni ta' miżuri li jinfurzaw strateġija baġitarja kredibbli u jsaħħu l-qafas baġitarju. L-Irlanda għandha tadotta u timplimenta r-regola fiskali li kwalunkwe dħul addizzjonali mhux ippjanat bejn l-2011-2015 se jiġi allokat għat-tnaqqis tad-defiċit u d-dejn. L-Irlanda għandha tintroduċi Liġi dwar ir-Responsabbiltà Fiskali li tinkludi dispożizzjonijiet għal qafas baġitarju ta' terminu medju b'limiti multiannwali vinkolanti fuq l-infiq f'kull qasam, b'regoli fiskali u li tassigura l-indipendenza tal-Kunsill Fiskali Konsultattiv. Din għandha ssir billi jitqiesu r-riformi dwar governanza ekonomika riveduta fuq il-livell tal-Unjoni u tibni fuq ir-riformi eżistenti.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. VINCENT-ROSTOWSKI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Diċembru 2011

li taħtar sitt membri Olandiżi u sitt membri supplenti Olandiżi fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2011/828/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Olandiż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE [1] u 2010/29/UE [2] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Sipke SWIERSTRA, is-Sur Léon FRISSEN, is-Sinjura Rinske KRUISINGA, is-Sur Dick BUURSINK, is-Sinjura Karla PEIJS u s-Sinjura Lenie DWARSHUIS-VAN DE BEEK saru vakanti s-siġġijiet ta' sitt membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur René VAN DIESSEN, is-Sur Sjoerd GALEMA, is-Sur Martin JAGER u s-Sur Joop BINNEKAMP saru vakanti erba' siġġijiet ta' membri supplenti. Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur W.B.H.J. VAN DE DONK u s-Sur Co VERDAAS bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isiru vakanti żewġ siġġijiet ta' membri supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

— Is-Sinjura A.E. (Anne) BLIEK-DE JONG, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Flevoland

— Is-Sur Dr. J.C. (Co) VERDAAS, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Gelderland

— Is-Sur mr. P.G. (Piet) DE VEY MESTDAGH, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Groningen

— Is-Sur Prof. Dr. W.B.H.J. (Wim) VAN DE DONK, *Commissaris van de Koningin* (Kummissarju tar-Reġina) Provinċja ta' Noord-Brabant

— Is-Sinjura W.H. (Hester) MAIJ, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Overijssel

— Is-Sur drs. R.E. (Ralph) DE VRIES, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Utrecht

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur H. (Henk) BRINK, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Drenthe

— Is-Sinjura S.A.E. (Sietske) POEPJES, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Fryslân

— Is-Sur drs. Th.J.F.M. (Theo) BOVENS, *Commissaris van de Koningin* (Kummissarju tar-Reġina) Provinċja ta' Limburg

— Is-Sinjura drs. E.M. (Elvira) SWEET, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Noord-Holland

— Is-Sur drs. B.J. (Ben) DE REU, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Zeeland

— Is-Sur mr. drs. R.A.M. (Rogier) VAN DER SANDE, *gedeputeerde* (membru tal-Kunsill Eżekuttiv) tal-Provinċja ta' Zuid-Holland.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

W. PAWLAK

[1] ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

[2] ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Diċembru 2011

li temenda d-Deċiżjoni 2006/771/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju għall-użu ma' tagħmir għal meded qosra

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 9030)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/829/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju) [1], b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE [2] tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu tal-ispettru għal varjetà wiesgħa ta' tagħmir għal meded qosra, inklużi l-applikazzjonijiet bħalma huma s-sistemi ta' twissija, it-tagħmir għall-komunikazzjonijiet lokali, mezzi li jiftħu l-bibien, impjanti mediċi u għal sistemi ta' trasport intelliġenti. It-tagħmir għal meded qosra jkun tipikament prodott għas-suq tal-massa u/jew prodott li jista' jinġarr u li jista' jittieħed u jintuża faċilment f'pajjiżi oħra; id-differenzi fil-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-ispettru għalhekk ma jippermettux il-moviment ħieles tagħhom, iżidu l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom u joħolqu riskji ta' interferenza li tagħmel il-ħsara ma' applikazzjonijiet u servizzi tar-radju oħrajn.

(2) Madankollu, minħabba żviluppi rapidi fit-teknoloġija u fid-domanda soċjali, jistgħu jfeġġu applikazzjonijiet ġodda ta' tagħmir għal meded qosra. Dawn jeħtieġu aġġornamenti regolari fil-kundizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tal-ispettru.

(3) Fil-5 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni ħarġet mandat permanenti lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT), skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE, biex taġġorna l-Anness għad-Deċiżjoni 2006/771/KE bi tweġiba għal żviluppi teknoloġiċi u kummerċjali fil-qasam tat-tagħmir għal meded qosra.

(4) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2008/432/KE [3], 2009/381/KE [4] u 2010/368/UE [5] diġà emendaw il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għat-tagħmir għal meded qosra mogħtija fid-Deċiżjoni 2006/771/KE billi ssostitwew l-Anness għaliha.

(5) Fir-rapport tagħha ta' Marzu 2011 [6] mibgħut b'reazzjoni għall-mandat imsemmi hawn fuq, is-CEPT tat parir lill-Kummissjoni biex temenda għadd ta' aspetti tekniċi fl-Anness għad-Deċiżjoni 2006/771/KE.

(6) Għalhekk l-Anness għad-Deċiżjoni 2006/771/KE għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Tagħmir li jopera skont il-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma wkoll mad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar apparat ta' radju u ta' tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [7] sabiex l-ispettru jintuża b'mod effikaċi li jevita interferenza li tagħmel il-ħsara, u dan jintwera jew permezz ta' lħiq ta' standards armonizzati jew permezz ta' ħarsien ta' proċeduri alternattivi ta' valutazzjoni ta' konformità.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2006/771/KE jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Viċi-President

---

[1] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.
[2] ĠU L 312, 11.11.2006, p. 66.
[3] ĠU L 151, 11.6.2008, p. 49.
[4] ĠU L 119, 14.5.2009, p. 32.
[5] ĠU L 166, 1.7.2010, p. 33.
[6] Ir-Rapport tas-CEPT nru 38, RSCOM 11-17.
[7] ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.

ANNESS

"ANNESS

Meded ta' frekwenza armonizzati u parametri tekniċi ta' tagħmir għal meded qosra

Tip ta' tagħmir għal meded qosra	Medda ta' frekwenza (1)	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa (2)	Parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom) (3)	Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu (4)	Skadenza tal-implimentazzjoni
Tagħmir mhux speċifiku għal meded qosra (5)	6 765-6 795 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ottubru 2008
	13,553-13,567 MHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ottubru 2008
	26,957-27,283 MHz	10 mW ta' qawwa effettiva rradjata (e.r.p.), li tikkorrispondi għal 42 dBμA/m f'10 metri		Applikazzjonijiet tal-vidjo huma esklużi	L-1 ta' Ġunju 2007
	40,660-40,700 MHz	10 mW ta' e.r.p..		Applikazzjonijiet tal-vidjo huma esklużi	L-1 ta' Ġunju 2007
	433,050-434,040 (6) MHz	1 mW ta' e.r.p.. u -13 dBm/10 kHz ta' densità tal-qawwa għal modulazzjoni tal-medda ta' frekwenza li hi akbar minn 250 kHz	Applikazzjonijiet tal-vuċi huma permessi b'tekniki avvanzati ta' mitigazzjoni	Applikazzjonijiet tal-awdjo u tal-vidjo huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
		10 mW ta' e.r.p..	Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma (7): 10 %	Applikazzjonijiet tal-awdjo analogi, għajr tal-vuċi, huma esklużi. Applikazzjonijiet tal-vidjo analogi huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
	434,040-434,790 (6) MHz	1 mW ta' e.r.p.. u -13 dBm/10 kHz ta' densità tal-qawwa għal modulazzjoni tal-medda ta' frekwenza li hi akbar minn 250 kHz	Applikazzjonijiet tal-vuċi huma permessi b'tekniki avvanzati ta' mitigazzjoni	Applikazzjonijiet tal-awdjo u tal-vidjo huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
		10 mW ta' e.r.p..	Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma (7): 10 %	Applikazzjonijiet tal-awdjo analogi, għajr tal-vuċi, huma esklużi. Applikazzjonijiet tal-vidjo analogi huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
			Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma (7): 100 % suġġett għal spazjar tal-istazzjonijiet sa 25 kHz Applikazzjonijiet tal-vuċi huma permessi b'tekniki avvanzati ta' mitigazzjoni	Applikazzjonijiet tal-awdjo u tal-vidjo huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010

Tip ta' tagħmir għal meded qosra	Medda ta' frekwenza [1]	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa [2]	Parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom) [3]	Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu [4]	Skadenza tal-implimentazzjoni
Tagħmir mhux speċifiku għal meded qosra (ikompli)	863,000-865,000 MHz	25 mW ta' e.r.p..	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma [7] ta' 0,1 %	Applikazzjonijiet tal-awdjo analogi, għajr tal-vuċi, huma esklużi. Applikazzjonijiet tal-vidjo analogi huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
	865,000-868,000 MHz	25 mW ta' e.r.p..	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma [7] ta' 1 %	Applikazzjonijiet tal-awdjo analogi, għajr tal-vuċi, huma esklużi. Applikazzjonijiet tal-vidjo analogi huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
	868,000-868,600 MHz	25 mW ta' e.r.p..	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma [7] ta' 1 %	Applikazzjonijiet tal-vidjo analogi huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
	868,700-869,200 MHz	25 mW ta' e.r.p..	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma [7] ta' 0,1 %	Applikazzjonijiet tal-vidjo analogi huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
	869,400-869,650 MHz [6] MHz	500 mW ta' e.r.p..	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma [7] ta' 10 % L-ispazjar tal-istazzjonijiet għandu jkun ta' 25 kHz, ħlief li l-medda kollha ta' frekwenzi tista' tintuża wkoll bħala stazzjon wieħed għat-trażmissjoni ta' dejta b'veloċità għolja	Applikazzjonijiet tal-vidjo analogi huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
		25 mW ta' e.r.p..	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma [7] ta' 0,1 %	Applikazzjonijiet tal-awdjo analogi, għajr tal-vuċi, huma esklużi. Applikazzjonijiet tal-vidjo analogi huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010

Tip ta' tagħmir għal meded qosra	Medda ta' frekwenza (1)	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa (2)	Parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom) (3)	Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu (4)	Skadenza tal-implimentazzjoni
Tagħmir mhux speċifiku għal meded qosra (ikompli)	869,700-870,000 (6) MHz	5 mW ta' e.r.p..	Applikazzjonijiet tal-vuċi huma permessi b'tekniki avvanzati ta' mitigazzjoni	Applikazzjonijiet tal-awdjo u tal-vidjo huma esklużi	L-1 ta' Ġunju 2007
		25 mW ta' e.r.p..	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma (7) ta' 1 %	Applikazzjonijiet tal-awdjo analogi, għajr tal-vuċi, huma esklużi. Applikazzjonijiet tal-vidjo analogi huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
	2 400-2 483,5 MHz	10 mW ta' qawwa isotropika rradjata ekwivalenti (e.i.r.p.)			L-1 ta' Ġunju 2007
	5 725-5 875 MHz	25 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Ġunju 2007
	24,150-24,250 GHz	100 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Ottubru 2008
	61,0-61,5 GHz	100 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Ottubru 2008
	122-123 GHz	100 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Ġunju 2012
	244-246 GHz	100 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Ġunju 2012
Sistemi għat-trażmissjoni tad-dejta b'medda wiesgħa	2 400-2 483,5 MHz	100 mW ta' e.i.r.p. u densità tal-e.i.r.p. ta' 100 mW/100 kHz japplikaw meta tintuża l-modulazzjoni tal-bdil kontinwu minn frekwenza għall-oħra, b'densità ta' e.i.r.p. ta' 10 mW/MHz tapplika meta jintużaw tipi oħra ta' modulazzjoni	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE.		L-1 ta' Novembru 2009
	57,0-66,0 GHz	40 dBm ta' e.i.r.p. u densità ta' 13-il dBm/MHz ta' e.i.r.p.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE.	L-istallazzjonijiet fissi esterni huma esklużi	L-1 ta' Novembru 2010
Sistemi ta' twissija	868,600-868,700 MHz	10 mW ta' e.r.p..	Spazjar tal-istazzjonijiet: 25 kHz Il-medda kollha ta' frekwenza tista' tintuża wkoll bħala stazzjon wieħed għat-trażmissjoni ta' dejta b'veloċità għolja Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma (7): 1,0 %		L-1 ta' Ottubru 2008
	869,250-869,300 MHz	10 mW ta' e.r.p..	Spazjar tal-istazzjonijiet: 25 kHz Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma (7): 0,1 %		L-1 ta' Ġunju 2007

Tip ta' tagħmir għal meded qosra	Medda ta' frekwenza ([1])	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa ([2])	Parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom) ([3])	Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu ([4])	Skadenza tal-implimentazzjoni
	869,300-869,400 MHz	10 mW ta' e.r.p..	Spazjar tal-istazzjonijiet: 25 kHz Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma ([7]): 1,0 %		L-1 ta' Ottubru 2008
	869,650-869,700 MHz	25 mW ta' e.r.p..	Spazjar tal-istazzjonijiet: 25 kHz Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma ([7]): 10 %		L-1 ta' Ġunju 2007
Sistemi soċjali ta' twissija ([8])	869,200-869,250 MHz	10 mW ta' e.r.p..	Spazjar tal-istazzjonijiet: 25 kHz Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma ([7]): 0,1 %		L-1 ta' Ġunju 2007
Applikazzjonijiet induttivi ([9])	9,000-59,750 kHz	72 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Novembru 2010
	59,750-60,250 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2007
	60,250-74,750 kHz	72 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	74,750-75,250 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	75,250-77,250 kHz	72 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	77,250-77,750 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	77,750-90 kHz	72 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	90-119 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	119-128,6 kHz	66 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	128,6-129,6 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	129,6-135 kHz	66 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	135-140 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2012
	140-148,5 kHz	37.7 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ottubru 2008
	148,5-5 000 kHz Fil-meded ta' frekwenza speċifiċi msemmija hawn taħt, japplikaw saħħiet tal-kamp ogħla u restrizzjonijiet addizzjonali għall-użu.	– 15 dBμA/m f'10 metri fi kwalunkwe medda ta' frekwenza ta' 10 kHz Barra minn hekk, is-saħħa totali tal-kamp hija ta' – 5 dBμA/m f'10 m għal sistemi li joperaw f'meded ta' frekwenza ta' aktar minn 10 kHz			L-1 ta' Ottubru 2008

Tip ta' tagħmir għal meded qosra	Medda ta' frekwenza ([1])	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa ([2])	Parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom) ([3])	Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu ([4])	Skadenza tal-implimentazzjoni
Applikazzjonijiet induttivi (ikompli)	400-600 kHz	– 8 dBμA/m f'10 metri		Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu japplika biss għar-RFID ([10])	L-1 ta' Ottubru 2008
	3 155-3 400 kHz	13,5 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ottubru 2008
	5 000-30 000 kHz Fil-meded ta' frekwenza speċifiċi msemmija hawn taħt, japplikaw saħħiet tal-kamp ogħla u restrizzjonijiet addizzjonali għall-użu.	– 20 dBμA/m f'10 metri fi kwalunkwe medda ta' frekwenza ta' 10 kHz Barra minn hekk, is-saħħa totali tal-kamp hija ta' – 5 dBμA/m f'10 m għal sistemi li joperaw f'meded ta' frekwenza ta' aktar minn 10 kHz			L-1 ta' Ottubru 2008
	6 765-6 795 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2007
	7 400-8 800 kHz	9 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ottubru 2008
	10 200-11 000 kHz	9 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ottubru 2008
	13 553-13 567 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ġunju 2007
		60 dBμA/m f'10 metri		Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu japplika biss għar-RFID ([10]) u għall-EAS ([11])	L-1 ta' Ottubru 2008
	26 957-27 283 kHz	42 dBμA/m f'10 metri			L-1 ta' Ottubru 2008
Impjanti mediċi attivi ([12])	9-315 kHz	30 dBμA/m f'10 metri	Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma ([7]): 10 %		L-1 ta' Ottubru 2008
	30,0-37,5 MHz	1 mW ta' e.r.p..	Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma ([7]): 10 %	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu japplika biss għal tagħmir mediku li jiddaħħal fil-ġisem, li jkollu membrana ta' qawwa baxxa ħafna għall-kejl tal-pressjoni tad-demm	L-1 ta' Novembru 2010
	402-405 MHz	25 μW ta' e.r.p.	Spazjar tal-istazzjonijiet: 25 kHz Trażmettituri individwali jistgħu jgħaqqdu flimkien stazzjonijiet li jkunu maġenb xulxin għal medda ta' frekwenza ikbar sa 300 kHz.		L-1 ta' Novembru 2009

Tip ta' tagħmir għal meded qosra	Medda ta' frekwenza ([1])	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa ([2])	Parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom) ([3])	Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu ([4])	Skadenza tal-implimentazzjoni
			Jistgħu jintużaw tekniki oħra għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza, inklużi meded ta' frekwenza ikbar minn 300 kHz, dejjem jekk iwasslu għal prestazzjoni li tkun tal-inqas ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE sabiex jiġi żgurat it-tħaddim kompatibbli mal-utenti l-oħra partikolarment mar-radjusondi metereoloġiċi		
Impjanti mediċi attivi u periferali assoċjati miegħu ([13])	401-402 MHz	25 µW ta' e.r.p.	Spazjar tal-istazzjonijiet: 25 kHz Trażmettituri individwali jistgħu jgħaqqdu flimkien stazzjonijiet li jkunu maġenb xulxin għal medda ta' frekwenza ikbar sa 100 kHz. Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma ([7]) ta' 0,1 %		L-1 ta' Novembru 2010
	405-406 MHz	25 µW ta' e.r.p.	Spazjar tal-istazzjonijiet: 25 kHz Trażmettituri individwali jistgħu jgħaqqdu flimkien stazzjonijiet li jkunu maġenb xulxin għal medda ta' frekwenza ikbar sa 100 kHz. Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma ([7]) ta' 0,1 %		L-1 ta' Novembru 2010
Tagħmir li jiddaħħal fil-ġisem tal-annimali ([14])	315-600 kHz	– 5 dBµA/m f'10 m	Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma ([7]): 10 %		L-1 ta' Novembru 2010
	12,5-20,0 MHz	– 7 dBµA/m f'10 m f'medda ta' frekwenzi ta' 10 kHz	Limitu taċ-ċiklu ta' ħidma ([7]): 10 %	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu japplika biss għal applikazzjonijiet mill-għatba 'l ġewwa	L-1 ta' Novembru 2010
Trażmettituri FM ta' qawwa baxxa ([15])	87,5-108,0 MHz	50 nW ta' e.r.p.	L-ispazjar tal-istazzjonijiet sa 200 kHz		L-1 ta' Novembru 2010
Applikazzjonijiet tal-awdjo mingħajr fili ([16])	863-865 MHz	10 mW ta' e.r.p..			L-1 ta' Novembru 2010
Applikazzjonijiet għad-determinazzjoni tar-radju ([17])	2 400-2 483,5 MHz	25 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Novembru 2009

Tip ta' tagħmir għal meded qosra	Medda ta' frekwenza ([1])	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa ([2])	Parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom) ([3])	Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu ([4])	Skadenza tal-implimentazzjoni
	17,1-17,3 GHz	26 dBm ta' e.i.r.p.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE.	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu japplika biss għal sistemi bbażati fuq l-art	L-1 ta' Novembru 2009
Radar li Jaqbdu l-Livell tat-Tankijiet ([18])	4,5-7,0 GHz	24 dBm ta' e.i.r.p. ([19])			L-1 ta' Novembru 2009
	8,5-10,6 GHz	30 dBm e.i.r.p. ([19])			L-1 ta' Novembru 2009
	24,05-27,0 GHz	43 dBm e.i.r.p. ([19])			L-1 ta' Novembru 2009
	57,0-64,0 GHz	43 dBm e.i.r.p. ([19])			L-1 ta' Novembru 2009
	75,0-85,0 GHz	43 dBm e.i.r.p. ([19])			L-1 ta' Novembru 2009
Kontroll ta' mudelli ([20])	26 990-27 000 kHz	100 mW ta' e.r.p..			L-1 ta' Novembru 2009
	27 040-27 050 kHz	100 mW ta' e.r.p..			L-1 ta' Novembru 2009
	27 090-27 100 kHz	100 mW ta' e.r.p..			L-1 ta' Novembru 2009
	27 140-27 150 kHz	100 mW ta' e.r.p..			L-1 ta' Novembru 2009
	27 190-27 200 kHz	100 mW ta' e.r.p..			L-1 ta' Novembru 2009
Identifikazzjoni bil-Frekwenzi tar-Radju (ir-RFID)	2 446-2 454 MHz	500 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Ġunju 2012
Telematiki tat-Trasport u t-Traffiku bl-Art	24,050-24,075 GHz	100 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Ġunju 2012
	24,075-24,150 GHz	0.1 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Ġunju 2012
	24,075-24,150 GHz	100 mW ta' e.i.r.p.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u biex tittaffa l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Limiti ta' żmien ta' waqfien u l-medda tal-modulazzjoni tal-frekwenza japplikaw kif speċifikat fl-istandards armonizzati.	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu japplika biss għar-radars tal-vetturi	L-1 ta' Ġunju 2012
	24,150-24,250 GHz	100 mW ta' e.i.r.p.			L-1 ta' Ġunju 2012
	63-64 GHz	40 dBm ta' e.i.r.p.		Dan is-sett ta' kundizzjonijiet japplika għal sistemi ta' vettura għal vettura, vettura għall-infrastruttura u l-infrastruttura għall-vettura biss	L-1 ta' Ġunju 2012

Tip ta' tagħmir għal meded qosra	Medda ta' frekwenza ([1])	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa ([2])	Parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom) ([3])	Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu ([4])	Skadenza tal-implimentazzjoni
	76,0-77,0 GHz	Massimu ta' 55 dBm ta' e.i.r.p. u medja ta' 50 dBm ta' e.i.r.p. u medja ta' 23.5 dBm ta' e.i.r.p. għal radars bl-impulsi		Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu japplika biss għal sistemi tal-infrastruttura u l-vetturi terrestri	L-1 ta' Novembru 2010

([1]) L-Istati Membri għandhom jippermettu l-użu tal-meded ta' frekwenza qrib xulxin f'din it-tabella bħala medda ta' frekwenza waħda sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull waħda mill-meded ta' frekwenza qrib xulxin.

([2]) L-Istati Membri għandhom jippermettu l-użu ta' spettru sal-qawwa tat-trażmissjoni, is-saħħa tal-kamp jew id-densità tal-qawwa mogħtija f'din it-tabella. B'konformità mal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 2006/771/KE, jistgħu jimponu kundizzjonijiet inqas restrittivi, jiġifieri jippermettu l-użu ta' spettru b'qawwa tat-trażmissjoni, saħħa tal-kamp jew densità tal-qawwa ogħla.

([3]) L-Istati Membri jistgħu jimponu biss dawn il-"parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom)", u ma jistgħux iżidu parametri oħra jew rekwiżiti oħra ta' aċċess għal u ta' mitigazzjoni tal-ispettru. Kundizzjonijiet anqas restrittivi fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 2006/771/KE jfissru li l-Istati Membri jistgħu jħallu barra għal kollox il-"parametri addizzjonali (regoli dwar tqassim ta' stazzjonijiet u/jew aċċess għal stazzjonijiet u l-okkupazzjoni tagħhom)" f'kaxxa tat-tabella partikolari jew jippermettu valuri ogħla.

([4]) L-Istati Membri jistgħu jimponu biss dawn ir-"restrizzjonijiet oħra fuq l-użu", u ma jistgħux iżidu restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-użu. Billi jistgħu jiġu introdotti kundizzjonijiet anqas restrittivi fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 2006/771/KE, l-Istati Membri jistgħu jħallu barra restrizzjoni waħda minnhom jew dawn ir-restrizzjonijiet kollha.

([5]) Din il-kategorija hija disponibbli għal kwalunkwe tip ta' applikazzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet tekniċi (użu tipiku huwa fit-telemetrija, it-telekmand, is-sistemi ta' twissija, id-dejta b'mod ġenerali u applikazzjonijiet simili oħrajn).

([6]) Għal din il-medda ta' frekwenza l-Istati Membri għandhom jagħmlu s-serje ta' alternattivi tal-kundizzjonijiet għall-użi kollha possibbli.

([7]) Iċ-"ċiklu ta' ħidma" tfisser il-proporzjon ta' ħin matul kwalunkwe perjodu ta' siegħa meta t-tagħmir ikun qed jittrażmetti b'mod attiv. Kundizzjonijiet anqas restrittivi fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 2006/771/KE jfissru li l-Istati Membri jistgħu jippermettu valur ogħla għaċ-"ċiklu ta' ħidma".

([8]) It-tagħmir ta' sistemi soċjali ta' twissija jintużaw biex jgħinu lin-nies anzjani jew b'diżabilità meta jsibu ruħhom f'diffikultà.

([9]) Din il-kategorija tkopri, pereżempju, it-tagħmir għall-immobilizzazzjoni tal-karozzi, l-identifikazzjoni tal-annimali, is-sistemi ta' twissija, id-detezzjoni tal-kejbils, il-ġestjoni tal-iskart, l-identifikazzjoni personali, il-konnessjonijiet bil-vuċi mingħajr fili, il-kontroll tal-aċċess, is-sensuri tal-prossimità, is-sistemi ta' kontra s-serq, inklużi s-sistemi induttivi tar-RF ta' kontra s-serq, it-trasferiment tad-dejta għal tagħmir li jinżamm fl-idejn, l-identifikazzjoni awtomatika tal-oġġetti, is-sistemi ta' kontroll mingħajr fili u n-nollijiet awtomatiċi tat-toroq.

([10]) Din il-kategorija tkopri applikazzjonijiet induttivi użati għall-Identifikazzjoni bil-Frekwenzi tar-Radju (ir-RFID).

([11]) Din il-kategorija tkopri applikazzjonijiet induttivi użati għas-Sorveljanza Elettronika tal-Oġġetti (EAS).

([12]) Din il-kategorija tkopri l-parti tar-radju tat-tagħmir mediku attiv li jista' jiddaħħal f'xi parti tal-ġisem, kif iddefinit fid-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

([13]) Din il-kategorija tkopri sistemi ddisinjati speċifikament bil-għan li jipprovdu komunikazzjoni diġitali mingħajr l-użu tal-vuċi bejn tagħmir mediku attiv imdaħħal fil-ġisem, kif definit fin-nota tal-qiegħ nru 19, u/jew tagħmir li jitqiegħed f'ġisem il-bniedem jew tagħmir ieħor estern għall-ġisem li jintuża biex jittrasferixxi informazzjoni fiżjoloġika mhux urġenti relatata mal-pazjent individwali.

([14]) Din il-kategorija tkopri tagħmir għat-trażmissjoni, li jitqiegħed fil-ġisem tal-annimali biex iwettaq funzjonijiet dijanjostiċi u/jew biex jagħti trattament terapewtiku.

([15]) Din il-kategorija tinkludi applikazzjonijiet li joħolqu konnessjoni bejn tagħmir tal-awdjo personali, inklużi l-mowbajls, u sistemi ta' divertiment awtomotivi jew tad-dar.

([16]) Applikazzjonijiet għal sistemi tal-awdjo mingħajr fili, fosthom: mikrofoni mingħajr fili' lawdspikers mingħajr fili; "headphones" mingħajr fili; "headphones" mingħajr fili biex jinġarru, bħal CDs, każetts jew tagħmir tar-radju li jistgħu jinġarru u li ġġorrhom fuq il-persuna; "headphones" mingħajr fili għall-użu f'vetturi, pereżempju għall-użu ma' radju jew mowbajl, eċċ.; tagħmir ta' monitoraġġ li jiddaħħal fil-widna u mikrofoni mingħajr fili, għall-użu waqt il-kunċerti u produzzjonijiet oħra teatrali.

([17]) Din il-kategorija tkopri applikazzjonijiet għad-determinazzjoni tal-pożizzjoni, tal-veloċità u/jew ta' karatteristiċi oħra ta' oġġett, jew biex jinkiseb tagħrif relatat ma' dawn il-parametri.

([18]) Radars li Jaqbdu l-Livell tat-Tankijiet (it-TLPRs) huma tip speċifiku ta' applikazzjoni għad-determinazzjoni tar-radju li jintuża għall-kejl tal-livelli tat-tankijiet u li huma stallati f'tankijiet tal-metall jew tal-konkrit imsaħħaħ, jew fi strutturi simili magħmulin minn materjal b'karatteristiċi ta' attenwazzjoni komparabbli. L-iskop tat-tankijiet huwa li jaħżnu xi sustanza.

([19]) Il-limitu tal-qawwa japplika ġo tank magħluq u jikkorrispondi ma' densità tal-ispettru ta' -41.3 dBm/MHz ta' e.i.r.p. barra tank għall-ittestjar ta' 500 litru.

([20]) Din il-kategorija tkopri applikazzjonijiet użati biex jiġi kkontrollat il-moviment ta' mudelli (prinċipalment mudelli żgħar ta' vetturi) fl-arja, fuq l-art jew inkella fuq jew taħt wiċċ l-ilma."

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Diċembru 2011

dwar il-pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-Arranġament ta' Inċentiv Speċjali għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Governanza Tajba mill-1 ta' Jannar 2012, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 9044)

(2011/830/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 512/2011 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill ([2]) estenda l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 tal-31 ta' Diċembru 2013 jew sa data stabbilita mir-Regolament suċċessur, skont liema hi l-ewwel.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 jistipula l-għoti ta' arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti skont l-Artikoli 8 u 9 tiegħu.

(3) Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jixtiequ jibbenefikaw mill-arranġament ta' inċentiv speċjali mill-1 ta' Jannar 2012 kellhom jibagħtu talba dwar dan sal-31 ta' Ottubru 2011, flimkien mat-tagħrif komprensiv dwar ir-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti, il-leġiżlazzjoni u l-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni b'mod effettiv tad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet u l-impenn tagħhom li jaċċettaw u jikkonformaw bis-sħiħ mal-mekkaniżmu ta' sorveljanza u reviżjoni previst fil-konvenzjonijiet rilevanti. Biex jingħata l-arranġament ta' inċentiv speċjali, il-pajjiż li jkun qed jagħmel it-talba jrid ikun ukoll pajjiż vulnerabbli kif definit fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008.

(4) Sal-31 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni kienet rċeviet talba mingħand ir-Repubblika tal-Cape Verde (minn hawn 'il quddiem il-Cape Verde) biex, mill-1 ta' Jannar 2012, tibbenefika mill-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba.

(5) It-talba ġiet eżaminata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008.

(6) L-eżami tat-talba wera li l-Cape Verde jissodisfa r-rekwiżiti kollha neċessarji tal-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 732/2008. Għaldaqstant, l-arranġament ta' inċentiv speċjali għandu jingħata lill-Cape Verde mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013 jew sa data stabbilita mir-Regolament suċċessur, skont liema tkun l-ewwel.

(7) Skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Cape Verde.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati.

(9) Din id-Deċiżjoni ma taffettwax l-istatus tal-benefiċjarju skont l-arranġament ta' kull pajjiż elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/938/KE tad-9 ta' Diċembru 2008 dwar il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 ([3]), kif emendat bid-Deċiżjoni 2009/454/KE, ([4]), u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/318/UE tad-9 ta' Ġunju 2010 dwar il-pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2010 u l-31 ta' Diċembru 2011 kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 ([5]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Cape Verde għandha tibbenefika mill-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba stipulat fir-Regolament (KE) Nru 732/2008 mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013 jew sad-data stabbilita mir-Regolament suċċessur, skont liema tiġi l-ewwel.

([1]) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 145, 31.5.2011, p. 28.
([3]) ĠU L 334, 12.12.2008, p. 90.
([4]) ĠU L 149, 12.6.2009, p. 78.
([5]) ĠU L 142, 10.6.2010, p. 10.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Cape Verde.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni
Karel DE GUCHT
Membru tal-Kummissjoni

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT